MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1890/2004

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Victor Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-12 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1050) rappresentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi u dana kif jirrizulta mid-dokument A anness ma'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta'l-Awtorita attrici ipprezentata fit-28 ta' Jannar 2005, li permezz taghha hija cediet s-sorte tal-kawza, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ra li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta skond il-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li ra n-nota ta’ cessjoni ta’l-Awtorita’ attrici tat-28 ta’ Jannar 2005, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita’ attrici l-ispejjez kollha ta’ dina l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------